A.L. 229 ta' l-2004

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbilitajiet), hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L 67 ta' l-1993.

Bidu fis-seħħ.

2. Din l-ordni għandha titqies li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' April, 2004.

Trasferiment lura ta' drittijiet u responsabbiltajiet.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet vestiti fil-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta fir-rigward ta' l-art imsemmija fil-paragrafu (6) ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordni Prinċipali huma b'dan trasferiti lura lill-Kummissarju ta' l-Artijiet għar-rigward tal-biċċiet ta' art f'Kordin, limiti ta' Raħal Ġdid flimkien mal-bini hemmhekk mibni li jidhru delineati bl-aħmar fuq il-pjanti P.D. No : 92_2004 u P.D. No :100_2004. Dawn il-pjanti P.D. No : 92_2004 u P.D. No :100_2004 huma transunti fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' kuntratt datat 21 ta' April, 2004.